TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 5 ta’ Jannar 2016

Avviz Numru 4/2014

**Eucharistico Gauci u Josephine Gauci**

**Vs**

**Topserv (Gozo) Limited.**

**It-Tribunal:-**

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fit-13 ta’ Frar 2014 li premezz tieghu l-atturi talbu r-rifuzjoni ta’ € 3285.39 imhallsa minnhom lil kumpanija konvenuta indebitament.

Illi l-kumpanija konvenuta irrisspondiet billi eccepiet l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili; eccepiet ukoll illi ma ghandha taghti xejn anzi huma l-atturi li ghandhom jaghtuha.

Sema’ x-xhieda bil-gurament u ra’ t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra’ s-sentenza preliminari tieghu tal-15 ta’ Mejju 2015 li permezz taghha giet rigettata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra’ l-atti kollha.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu nkluz dak li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Ikkunsidra.

Illi din l-azzjoni hija wahda ta' indebiti solutio; fejn l-atturi qed jirreklamaw flus illi huma hallsu izjed ghal stallazzjoni ta' lift.

Jirrizulta minn l-atti illi l-atturi ghandhom x'juru li hallsu total ta' € 26646.87 ghal lift li skond il-ftehim kellu prezz ta' € 23363.61 u ghalhekk jidher prima faciae illi l-atturi hallsu zejjed is-somma ta' €3283.26.

L-attur jghid illi hu kien hallas izjed minn dak li kien jistipula l-kuntratt ghaliex kienu intizi li jsiru zewgt lifts ohra minn ghand l-kumpanija konvenuta liema lifts ma sarux minhabba dizgwid li nqala mal-kumpanija konvenuta sussegwentament. Kwindi ma kienx izomm kont tal-pagamenti ghax kellu mohhu mistrieh b'dan il-mod.

Ir-rapprezentant tal-kumpanija konvenuta sahaq illi l-pagament ta' tlett elef u hames mitt Liri Maltin (Lm 3500) permezz ta' cheque (APS) kien wiehed fittizju u kull ma verament thallas minnu kien elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) li ghalihom inharget ricevuta datata 16 ta' Marzu 2007. Jghid illi l-elfejn liri Maltin (Lm2000) l-ohra regghu gew mghoddija lil attur fi flus kontanti.

Allegazzjoni bhal din li tmur kontra l-prova skritta tinhtieg provi cari u qawwija. Il-bwona fede hija prezunta u jekk verament l-hlas kien fittizju wiehed ikun qed joltrepassa fil-kamp tal-malafede. F'cirkostanzi bhal dawn dan it-Tribunal ma jista jissoponi xejn u ma jistax jiehu inferenzi indiretti izda jkun jehteg prova cara u konvincenti li tipperswadieh sal-grad li trid il-ligi li dak li hemm miktub ma jirrispekkjax is-sewwa.

Ir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jishaq illi fuq l-ircevuta tas-16 ta' Marzu 2007 kiteb il-bianc dovut. Jidher fil-fatt illi fuq din l-ircevuta hemm miktub 'balance Lm 8530'. Izda ghal darba ohra din hija biss dikjarazzjoni unilaterali li la torbot lil atturi u l-anqas hija sufficenti biex ixxejjen dak li jirrizulta mill-miktub. Jekk verament John Cefai ghadda lura elfejn liri Maltin (Lm 2000), li mhix somma zghira, lil atturi wiehed jistenna illi ta' l-anqas kellha tintalab xi forma ta' ricevuta ghalihom – aktar u aktar jekk il-hlas sar f'kontanti. Jew ghal l-anqas jitlob firma fil-parti fejn hu kiteb li fadal bilanc ta' Lm 8530.

Jigi osservat illi in tema legali ghandu jigi osservat illi l-emissjoni ta' cheque hi prova dokumentali ta' l-element kostitutiv tar-rapport u jikkreja, in materja, il-presunzjoni legali relattiv tat-titolarita` tad-dritt stabbilit f'dan id-dokumenti (ic-cheque) ghaf-favur tal-persuna legittimata. Dan ghaliex, kif deciz, "ic-cheque ... intrinsikament mhuwiex hag' ohra hlief dokument ta' kreditu (credit document - documento rappresentante un credito presso una banca)" (**Kollez. Vol. XLVI P II p 600**). F' idejn il-pussessur ic-cheque ghandu l-vantagg konsimili ghal dak li ghandu titolu kambjarju. **Ara Kollez. Vol. LXXVI P II p 520 u "Luigi Portelli et nomine -vs- Dr. John C. Grech nomine"**, Appell, 6 ta' Ottubru

2000; Cheque imsarraf ghandu ghalhekk minnu innifsu l-presunzjoni ta' pagament favur min sarrfu. Prova li sabiex tigi mwaqqgha tirrekjedi aktar minn semplici allegazzjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal ma huwiex sodisfatt illi l-kumpanija konvenuta verament irrifondiet is-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2000) lil atturi.

Il-kumpanija konvenuta l-anqas prezentat xi accounts jew dokumenti ohra tan-negozju li juru verament x'dahal u ma dahalx. Dawn il-kotba tan-negozju kienu skond il-ligi jikkostitwixxu evidenza prima faciae tal-kontut taghhom. Izda l-kumpanija konvenuta l-anqas sa hemm ma waslet.

L-kumpanija konvenuta tghid illi hi fadlilha x'tigbor meta wiehed inaqqas dawn l-elfejn liri Maltin (Lm2000). Izda hu notat illi l-kumpanija konvenuta ma hadet l-ebda forma ta' passi sabiex tigbor dak li skond hi kien dovut lilha. Din in-non azzjoni tal-kumpanija konvenuta tkompli iddghajjef it-tezi taghha.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici limitatatatament fis-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u tmenin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€ 3283.26.); u jikkundana lil kumpanija konventua thallas lil atturi dan l-ammont bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza l-quddiem. Bl-ispejjes kontra l-kumpanija konvenuta.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**D/Registratur**